# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 7 ta' Jannar 2025**

**Nru: 7**

**Rikors Ġuramentat Nru. 918/2022**

## George Grech u Rita Grech

**v**

## Steven Micallef u Rosanne Micallef

Kopja informali

**Daħla**

1. Il-partijiet għandhom garaxxijiet kontigwi. Dak tas-sinjuri Micallef hu ogħla minn dak tas-sinjuri Grech. Fil-ħajt diviżorju – f'dik il-parti li tiġi ogħla mill-bejt tas-sinjuri Grech - kien hemm fetħa. Is-sinjuri Grech jgħidu li din kienet rewwieħa, waqt li s-sinjuri Micallef jgħidu li din hi tieqa. Il-qorti mhix sejra tieħu pożizzjoni dwar din il-kwistjoni, u għalhekk sejra tirreferi, b'mod newtrali, għaliha bħala fetħa.

2. Skont il-verżjonijiet konfliġġenti tal-partijiet, din il-fetħa ngħalqet - jew tgħattiet - mis-sinjuri Micallef f'Novembru 2021. Fis-sena 2022 reġgħu fetħuha, jew neħħew l-għatu li kien għamlu.

3. Is-sinjuri Grech jgħidu li, qabel Novembru 2021, s-sinjuri Micallef kienu qablu li jagħlqu din il-fetħa, u li meta reġgħu fetħuha, neżżgħuhom mill-pussess li kellhom. Jgħidu ukoll li dan sar bil-moħbi, lejn l-aħħar ta' Awwissu 2022.

4. Is-sinjuri Micallef jgħidu li din il-fetħa kienet ilha hemm għexieren ta' snin u li, f'dawn l-aħħar snin, is-sur Micallef, jew ħaddiem fuq struzzjonijiet tiegħu, kien jgħatti l-fetħa fix-xhur tax-xitwa biex ma jidħolx ilma fil-garaxx tiegħu. Fil-verżjoni tagħhom il-fetħa kienet titgħatta b'injama li fuqha kien jitqiegħed *roof compound* biex ma jidħolx ilma; u l-injama kienet titneħħa għax-xhur tas-sajf. Jgħidu li huma ma ftehmux li jagħlqu l-fetħa b'mod permanenti kif jgħidu s-sinjuri Grech; u li l-fetħa tgħattiet, mhux ingħalqet, f'Novembru 2021, u li l-injama li ntużat biex titgħatta tneħħiet iktar minn xahrejn qabel ma tressqet din il-kawża.

### It-talbiet

5. Is-sinjuri Grech qed jitolbu lil din il-qorti:

i. **TIDDIKJARA** illi l-konvenuti kkommettew spoll abbuziv u vjolenti fil-konfront tal-atturi rikorrenti;

ii. **TIKKUNDANNA** lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jirrientigraw lill-atturi rikorrenti fil-pussess tal-proprjeta' taghhom billi jaghlqu l-apertura jew rewwieha li fethu ghal fuq il-bejt imsemmi u jirrientigraw dan il-hajt divizorju fl-istat li kien qabel ikkommettew l-ispoll, u dan jekk hemm bzonn bl-opra ta` periti nominandi;

iii. Fin- nuqqas, **TAWTORIZZA** lir-rikorrenti atturi illi jaghmlu dawn l-istess xogholijiet bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u b`rizerva ghal kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti atturi, liema konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

### Id-difiża

6. Is-sinjuri Micallef irrispondew hekk:

i. **ILLI** t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes peress li ma ġie kommess l-ebda spoll, stante li:

a. It-tieqa ***mhux*** rewwieħa kif indikata fil-premessi ilha hemm għal għexieren ta' snin (ċirka tnejn u erbgħin (42) sena) dana kif jirriżulta anke mill-premessi stess tar-rikorrenti u ulterjorment jidher ukoll ampjament mir-ritratti esebiti mar-rikors promotur li ma hijiex xi ħaġa li saret reċentement.

b. It-tieqa fiż-żmien tax-xita tiġi koperta kull sena b' injama biex ma jidħolx ilma, liema injama titneħħa kull sena kif jgħaddi l-istaġun tax-xita bħal ma ġara diversi xhur qabel il-presentata ta' din l-azzjoni.

c. Ma saret l-ebda apertura ġdida jew tieqa li tagħti għal fuq il-propjeta' tar-rikorrenti.



Kopja informali

ii. **ILLI** *in ogni caso u in pessima ipotesi* l-imsemmija għata tat-tieqa esistenti tneħħiet għall-ħabta ta' Marzu 2022 li jiġi ferm qabel xahrejn rikjesti statutorjament mill-presentata ta' din l-azzjoni li ġiet intavolata Ottubru. Għalhekk fuq dan il-punt biss l-azzjoni tfalli.

iii. Salv eċċezjonijiet ulterjuri.

**Dwar jekk il-kawża saritx fi żmien xahrejn minn meta suppost li sar l-ispoll**

7. Skont l-art. 535(1) tal-Kap. 16 azzjoni ta' din ix-xorta trid titressaq fi żmien xahrejn minn dak li jissejjaħ spoll, jiġifieri l-att li bih persuna tkun, bi vjolenza jew bil-moħbi, tneżżgħet mill-pussess jew detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli.

8. Il-partijiet jaqblu li sar att, imma ma jaqblux dwar fiex kien jikkonsisti l-att. Lanqas ma jaqblu li l-att kien jikkostitwixxi tneħħija ta' pussess jew detenzjoni. Is-sinjuri Grech jgħidu li, f'Novembru 2021, s-sinjuri Micallef kien għalqu l-fetħa b'mod permanenti, u li għalhekk kellhom, minn dak iż-żmien 'l quddiem, pussess tal-arja tal-garaxx tagħhom mingħajr ebda fetħa fuqu; u li meta reġgħet saret il-fetħa, dan l-att neħħielhom il-pussess li kellhom. Is-sinjuri Micallef jgħidu li huma qatt ma għalqu l-fetħa b'mod permanenti, imma kienu biss għattewha u, għalhekk, li qatt ma taw pussess lis-sinjuri Grech tal-arja tal-bejt tagħhom mingħajr fetħa fuqu. Jsegwi, skont is-sinjuri Micallef, li meta neħħew l-injama li biha għattew il-fetħa, huma ma ħadux pussess li ma kellhomx.

9. Il-partijiet lanqas ma jaqblu dwar meta seħħ l-att, kien x'kien. Is-sinjuri Grech jgħidu li s-sinjuri Micallef reġgħu għamlu fetħa bejn it-23 u s-27 ta' Awwissu 2022. Skont is-sinjuri Micallef huma reġgħu kixfu l-fetħa fil-11 ta' Ġunju 2022.

10. Din il-kawża tressqet fis-7 ta' Ottubru 2022. Dan ifisser li, biex il-kawża titqies li tressqet fiż-żmien li tagħti għalhekk il-liġi, l-att li minnu jilmentaw is-sinjuri Grech ma jistax jmur lura aktar mis-7 ta' Awwissu 2022. Għalhekk, jekk għandhom raġun is-sinjuri Micallef li dak li għamlu, għamluh fil-11 ta' Ġunju 2022, dan ikun fatali għall-kawża. Mill-banda l-oħra, jekk għandhom raġun is-sinjuri Grech li dak li seħħ, seħħ lejn l-aħħar ta' Awwissu 2022, allura l-kawża titqies li saret tajjeb, f'termini ta' żmien.  Għalhekk, il-qorti sejra tqis din bħala l-ewwel kwistjoni.

Kopja informali

11. Hemm bżonn, qabel xejn, ta' ftit kuntest. Jidher li l-garaxxijiet in kwistjoni kienu nbnew min-nannu tas-sur Micallef, li wara biegħ uħud minnhom.[1] Is-sur Grech xtara l-garaxx tiegħu madwar seba' u tletin sena ilu imma skont is-sur Micallef, il-fetħa kienet ġa hemm meta xtara s-sur Grech. Is-sur Micallef jgħid li l-fetħa ilha hemm xi tnejn u erbgħin sena.[2] Dawn il-fatti ma jidhrux li huma kontestati.

*Il-verżjoni tas-sinjuri Grech*

12. Is-sur Grech jgħid li għall-ewwel kien juża l-garaxx hu stess, imma wara xi snin kien krieh għal sbatax-il sena. Jgħid li meta l-garaxx kien mikri, kien hu li kien jitla' fuq il-bejt tal-garaxx, b'mod regolari, biex inaddfu.[3] Il-garaxx reġa' lura f'idejn is-sinjuri Grech fil-bidu tal-2021,[4] u reġgħu bdew jużawh huma. Is-sur Grech jgħid li baqa' jitla', ta' sikwiet, fuq il-bejt biex inaddfu u jżommu f'kundizzjoni tajba.[5]

13. Dwar il-fetħa, hu jgħid, fl-affidavit tiegħu, li din hi rewwieħa ta' daqs

> żghir; tkejjel circa disa' pulzieri bi hdax (u b'massimu) – gholja disa' pulzieri u wisa' hdax 'il pulzier. Hija biss filata gholja minn mal-art tal-bejt.[6]

14. Jispjega kif, għall-ħabta ta' Settembru ta' dik l-istess sena hu, fil-preżenza tal-mara tiegħu, kien qal lis-sur Micallef li skont perit li kien qabbad, il-fetħa mhux suppost li kienet hemm. Kif qallu hekk, is-sur Micallef mhux talli ma oġġezzjonax li jneħħiha; iżda talli qallu, testwalment:

> issa nnehhia, jien ma rridx inkwiet, la ghalija u lanqas ghal uliedi.[7]

15. Tant hu hekk, jgħid, li ftit wara rċieva ritratti mingħand is-sur Micallef li kienu jikkonfermaw li l-fetħa ngħalqet fit-2 ta' Novembru 2021.[8] Jkompli jgħid – f'punt li ma jsegwix - li

---

[1] Ara xhieda ta' Stephen Micallef, smigħ tad-29 ta' Settembru 2023, paġna 51. Is-sur Micallef jgħid ukoll li, fi żmien, il-garaxx kien maqsum fi tnejn u li fin-naħa ta' fuq kien hemm uffiċju. Il-fetħa, kif jgħid, kienet isservi lil dan l-uffiċju.
[2] Ara xhieda fit-22 ta' Ġunju 2023, paġna 42
[3] Affidavit ta' George Grech, paġna 20
[4] Kontro-eżami ta' Darren Grech, paġna 97
[5] Affidavit ta' George Grech, paġna 20 – 21
[6] Affidavit ta' George Grech, paġna 21
[7] Affidavit ta' George Grech, paġna 21
[8] Wieħed minn dawn ir-ritratti kien mressaq mar-rikors ġuramentat, bħala Dok RIT1 (paġna 6). Dan ir-ritratt jidher ukoll, fost oħrajn, fil-kopja ta' messaġġ elettroniku li jidher f'paġni 28 u 63.



Kopja informali

'ghalhekk mhuwiex minnu fejn Micallef jghidu li din ir-rewwieha inghalqet f' *'Marzu 2022'*[9]

16. Jgħid ukoll li l-fetħa ngħalqet b'mod permanenti bil-*bricks* u żgur mhux bl-injam. Skont ma qal, is-sur Micallef 'kien ukoll kahhalha u zebaghha bir-*roof compound*.'[10] Dan kollu jgħid li jafu għaliex hu kien spezzjona l-fetħa wara li ngħalqet, għaliex kellu interess, billi kien ser jibni.

17. Dwar meta reġgħet infetħet il-fetħa, hu jgħid li hu u s-sinjura Grech kienu sejrin safra bejn it-23 u s-27 ta' Awwissu 2022 u li l-ġurnata ta' qabel ma siefru, jiġifieri fit-22 ta' Awwissu 2022, hu kien tela' fuq il-bejt bħal ma kien jagħmel is-soltu, u peress li kien ser ikun imsiefer 'ghal gimgha shiha', biex jaċċerta ruħu li kollox kien sew 'anki ghaliex jekk forsi kienet taghmel xi xita, ridt li l-bejt ikun nadif'.[11] Jgħid li dakinhar il-fetħa kienet għada magħluqa u li sabha miftuħa l-għada li ġie lura mill-vjaġġ, jiġifieri fit-28 ta' Awwissu 2022.[12] Jgħid li meta sab hekk hu u ibnu Darren, li kien miegħu, marru jfittxu lis-sur Micallef biex jaraw għaliex kien għamel dak li għamel. Skont ma qalu, is-sur Micallef ma fetaħx il-bieb meta ħabbtulu iżda qal, minn wara l-bieb, dawn il-kliem preċiżi:[13]

> mela mela, ergajt ftahtha ghaliex int mort tghid fuqi li waddabtlek il-hmieg fuq il-bejt

*Il-verżjoni tas-sinjuri Micallef*

18. Is-sur Micallef xehed darbtejn, l-ewwel darba msejjaħ mis-sinjuri Grech. Kif rajna, qal li l-fetħa ilha hemm minn meta nbnew il-garaxxijiet minn nannuh, madwar tnejn u erbgħin sena ilu. Qal li, fis-sajf, il-fetħa tinfetaħ għall-arja minħabba fl-umdu u li fix-xitwa jkollha titgħatta għaliex, billi 't-tieqa antika' jidħol l-ilma, li jipperkola għal fuq *main switch* li jiġi taħt it-tieqa. Jispjega li l-problema hi waħda relattivament riċenti

> .. għax indunajna li meta ċaqlaqna d-dawl tfajna d-dawl taħt it-tieqa ezatt u aħna minn isfel ma konniex nafu li t-tieni sular allura beda jidħol l-ilma minn hemmhekk. Qabel kien iċarċar l-ilma u qatt ma konna nagħtu kas. Qabel kien iċarċar l-ilma imma qatt ma kien jiġi fuq id-dawl. Jiġifieri d-dawl kien mal-faċċata. Imbagħad ressaqna d-dawl 'il ġewwa għax irranġaja l-garaxx minn ġewwa u ġie ezatt taħtha.[14]

---

[9] Affidavit ta' George Grech, paġna 21
[10] Affidavit ta' George Grech, paġna 22
[11] Affidavit ta' George Grech, paġna 22
[12] *Ibid.*
[13] Dan hu korroborat, essenzjalment, minn ibnu Darren: ara affidavit, paġni 36 - 37
[14] Xhieda ta' Stephen Micallef, smigħ tad-29 ta' Settembru 2023, paġna 52



Kopja informali

19. Jkompli jgħid li mhux minnu dak li jgħidu s-sinjuri Grech li hu kien mitlub minnhom li jagħlaq il-fetħa fl-2021:

> Dr P Valentino: Dan il-ġar qed jgħid li xi darba talbek tagħlaq it-tieqa. Xi darba talbek tagħlaqha?
>
> Xhud: Le. Kull ma qalli li t-tieqa ftaħtha jien. Għedtlu, 'Mela kelli 4 snin meta ftħaħtha'. Għax jien ma kontx naf li ilha, anki aktar minn 44 years mitfuħa. Għedtlu, 'Mela kelli 4 snin meta ftaħtha t-tieqa jekk ftaħtha jiena.'
>
> Dr P Valentino: Daqshekk, qatt ma qallek tagħlaqha jew xi ħaġa.
>
> Xhud: Xejn.[15]

20. Dwar dak li ġara f'Novembru 2021 ikkonferma li r-ritratti li jidhru f'Dok C[16] anness mal-affidavit ta' George Grech kien bagħathom hu. Jgħid, allura, li x-xogħol li sar fuq il-fetħa f'Novembru 2021 sar minnu, u li hu kien ċempel lis-sur Grech qabel ma għamlu.[17] Jgħid li mhux minnu li hu kien għalaq il-fetħa b'mod permanenti, imma li kien għattiha b'injama, kif kien ilu jagħmel minn dak iż-żmien li nqalgħet il-problema tal-ilma jipperkola fejn hemm il-*main switch*. F'dan ir-rigward xehed fit-tul dwar ir-ritratti li huma eżebiti bħala SM1, SM2 u SM3[18] u kif dawn suppost li juru li l-fetħa ma kienitx ingħalqet bi brik, għaliex kieku kien hekk, kien jidher li tneħħiet il-brik, li skont ma jgħid mhux il-każ.

21. Dwar it-tneħħija tal-injama, hu ma kkonfermax eżattament dak li qal fir-risposta ġuramentata, billi hemm kien qal li din 'tneħħiet għall-ħabta ta' Marzu 2022'. Jgħid li l-injama tneħħiet fil-11 ta' Ġunju 2022 u li kien ċert mid-data għaliex dakinhar ċertu Robert Portelli, magħruf bħala *The Handyman*, kien għamel xogħlijiet, inkluż it-tneħħija tal-injama, fil-garaxx tiegħu. F'dan ir-rigward hu għamel referenza għall-kont tas-sur Portelli, u għall-irċevuta fiskali relattivi, li kopji tagħhom ġew eżebiti mis-sur Portelli flimkien mal-affidavit tiegħu.[19]

Kopja informali

---

[15] Xhieda ta' Stephen Micallef, smigħ tad-29 ta' Settembru 2023, paġna 53
[16] Paġna 28
[17] Xhieda ta' Stephen Micallef, smigħ tad-22 ta' Ġunju 2023, paġna 41 (inkluż fuq wara). Minn qari ta' l-ewwel parti tax-xhieda tas-sur Micallef, wieħed jieħu l-impressjoni li x-xogħol għamlu hu. Iżda iktar tard fid-depożizzjoni tiegħu jgħid li hu kien iqabbad lil ċertu Robert, magħruf bħala The Handyman – ara paġni 42 – 43.
[18] Paġni 61 sa 63
[19] Ara Xhieda ta' Stephen Micallef, smigħ tad-22 ta' Ġunju 2023, paġna 42 (fuq wara) u paġna 43; ara ukoll kont u rċevuta, paġna 60

*Osservazzjonijiet dwar il-każ tas-sinjuri Micallef*

22. Il-verżjoni ta' George Grech u ta' ibnu fiha elementi rilevanti li jistgħu jitqiesu veri. Li George Grech jidher li kien tip li jħobb l-indafa ma ġietx kontradetta. Lanqas ma ġie kontradett li hu u martu siefru bejn it-23 ta' Awwissu u s-27 ta' Awwissu 2022.

23. Iżda hemm aspetti tal-istorja li diffiċli li jitwemmnu; u li jitfgħu dubju fuq dak li jgħidu s-sur Grech u ibnu dwar meta seħħ l-allegat spoll; u dan indipendentement mill-fatt li, kif ser naraw, l-uniċi provi dokumentarji ta' importanzi, u l-uniku xhud indipendenti, jagħmlu l-verżjoni tagħhom f'dak ir-rigward diffiċli li jiġi aċċettat.

24. Ewlieni fost dawn hi l-istorja li f'Settembru 2021 is-sur Grech u martu avviċinaw lil s-sur Micallef u qalulu li skont il-perit tagħhom, il-fetħa ma kellhiex tkun hemm; u li George Grech minnufih aċċetta li jneħħiha mingħajr tlaqliq, għaliex ma riedx inkwiet. Din timplika li s-sur Micallef aċċetta, minnufih, l-allegazzjoni li l-fetħa, li kienet ilha hemm għexieren ta' snin, mhux suppost li kienet hemm. Timplika ukoll li hu aċċetta, mingħajr eżitazzjoni u, jsegwi, mingħajr kumpens, li jneħħi l-ostakolu għall-iżvilupp li riedu jagħmlu ta' Grech. Dan mhux verosimili. Ferm iżjed kredibbli hi l-verżjoni ta' Stephen Micallef. Hu jgħid li s-sur Grech kien allega li kien hu (s-sur Micallef) li kien għamel il-ftuħ, għal liema allegazzjoni s-sur Micallef jgħid li rrisponda, b'mod kemxejn sarkastiku, li jekk kien hekk, kellu erba' snin meta għamel il-fetħa. Is-sur Grech kompla jgħid li d-diskussjoni waqfet hemm, u li ma saritlu l-ebda talba biex jagħlaq il-fetħa.

25. Mid-depożizzjonjiet tiegħu, is-sur Micallef ma jidhirx li hu wieħed li ma jafx l-affarijiet tiegħu; u jekk inhu minnu dak li jgħidu dwaru s-sinjuri Grech fl-affidavits tagħhom (fis-sens li għadu jipprovokahom),[20] hu (iktar u iktar) inverosimili li kien sejjer iċedi dak li (almenu f'għajnejh) kien dritt li jkollu tieqa fil-ħajt diviżorju fuq sempliċi talba magħmula f'inkontru każwali.[21]

Kopja informali

---

[20] Ara affidavit ta' George Grech, paġna 23: "B'dispjacir nghid u illi dan il-bniedem ghadu sal-lum jipprova jaghmel minn kollox biex jipprovokani .."; ara ukoll affidavit ta' Darren Grech, paġna 36.
[21] Ara affidavit ta' George Grech, paġna 21

26. Il-verżjoni tas-sur Micallef mhix impekkabbli lanqas. Hemm il-fatt, kif tajjeb isostnu s-sinjuri Grech, li fir-risposta ġuramentata hu qal li l-fetħa ngħalqet 'għall-ħabta ta' Marzu 2022' mentri meta xehed hu qal li ngħalqet fil-11 ta' Ġunju 2022. Iżda dan ma jfissirx li hu ma kienx qed jgħid il-verità fir-rikors ġuramentat. Hu versomili li, fl-istadju tat-tħejjija ta' dak id-dokument, ma saritx indaġini akkurata fattwali, u li din tħalliet għall-istadju tal-ġbir tal-provi. Wieħed jassumi li jekk, f'dak l-istadju, is-sur Micallef kien jaf bil-kont u l-irċevuta f'paġna 60, ir-risposta tiegħu kienet tirrifletti dik id-data f'dawk dokumenti. Ukoll, li kieku, kif jissuġġerixxu s-sinjuri Grech, dawk id-dokumenti ġew fabbrikati jew ġew imbabsa, wieħed jassumi li kienu jitfasslu biex jqarrbu lejn dak dikjarat fir-risposta ġuramentata.

27. Iktar ta' tħassib hi l-istorja dwar kif – mhux tant għaliex - kienet titgħatta l-fetħa fix-xhur tax-xitwa. Għaliex, f'dawn l-aħħar snin, kienet titgħatta jista' jiġi faċilment aċċettat. L-istruttura tal-ħadid u ħġieġ min-naħa tas-sur Micallef tidher mir-ritratti antika sew u jista' jkun, kif jgħid, li meta tagħmel ix-xita, partikolarment ħafna xita, jidħol l-ilma; u jekk hemm il-*main switch* taħtha, allura wieħed jifhem għaliex kien importanti li dan jiġi evitat. Li hu ftit stramb hu li, jekk inhu minnu, ġiet addottata sistema ta' tqiegħed ta' injama miżbugħa b'xi forma ta' protezzjoni – *roof compound* jew *liquid membrane* – minflok, pereżempju, inbidlet l-istruttura tal-ħadid b'waħda ġdida.[22] Dan ma ġiex spjegat sew ħlief: (i) sa ċertu punt, anki jekk b'mod kemxejn tangenzjali, mis-sur Micallef fil-bran ċitat f'para 18 ta' din is-sentenza; u (ii) mill-fatt li Robert Portelli ma kienx biss jagħlaq u japplika *roof compound* jew *liquid membrane* fuq l-injama, imma kien japplikah tul il-ħajt diviżorju kollu, min-naħa t'isfel; u allura, jekk kellu xorta jsir dan ix-xogħol, it-tqegħid ta' injama kienet ħaġa żgħira.[23] Imma dak li jista' jidher stramb lil persuna, jista' ma jkun stramb xejn għal persuna oħra. L-istramberija hi perspettiva, u mhux il-każ li din neċessarjament tagħmel att jew stat inverosimili, jew li m'għandux jitwemmen.

[22] Mistoqsi dwar dan fil-kontro-eżami tiegħi, Robert Portelli qal li ma tantx kien hemm soluzzjonijiet alternattivi: ara traskrizzjoni tax-xhieda ta' Robert Portelli tal-25 ta' Ġunju 2024, paġna 75J

[23] Ara traskrizzjoni tax-xhieda ta' Robert Portelli tal-25 ta' Ġunju 2024, paġna 75I



Kopja informali

28. Dak li jgħid is-sur Micallef hu korroborat mis-sur Robert Portelli. Dan ix-xhud qal, fl-affidavit tiegħu, li l-fetħa in kwistjoni tiġi eżatt fuq *switch box* u li biex ma tiġriliex ħsara il-fetħa kienet tingħalaq b'injama qabel jaqbad l-istaġun tax-xita; u li kif tgħaddi x-xitwa hu jerġa' jiftaħha. Jgħid li kien hu li għalaq il-fetħa b'injama f'Novembru 2021;[24] u li kien ukoll żebagħ kollox, inkluż in-naħa t'isfel tal-ħajt diviżorju, b'*liquid membrane*. Jgħid ukoll li meta kien lesta dan ix-xogħol kien ħa xi ritratti biex s-sur Micallef jibgħathom lis-sur Grech biex jurih ix-xogħol lest u li ma kienx tħalla ħmieġ. Wieħed minn dawn ir-ritratti hu proprju dak eżebit mis-sur Grech stess mar-rikors ġuramentat, Dok RIT1.

29. Robert Portelli qal ukoll li x-xogħol li sar fil-11 ta' Ġunju 2022 kien għamlu hu, u li kien jinkludi t-tneħħija tal-injama. Ta' dan jgħid li ħareġ il-kont u l-irċevuta li kopji tagħhom jinstabu f'paġna 60.

30. Il-kontro-eżami ta' Robert Portelli nstema' direttament mill-qorti waqt smigħ li fih instemgħu l-kontro-eżamijiet tax-xhieda kollha li tressqu mis-sur Micallef, u kif ukoll il-kontro-eżamijiet tas-sur Grech u ta' ibnu Darren.

31. Ġie suġġerit lilu li l-firma tiegħu 'nbidlet' minn dik fuq l-irċevuta għal dik fuq l-affidavit. Ix-xhud qal li l-firem huma l-istess, b'dan li fuq dokument wieħed hemm ismu u kunjomu u fuq id-dokument l-ieħor hemm ismu biss; u spjega għalfejn. Il-punt li l-firma ma kienitx mibdula imma li f'waħda kien hemm l-isem biss filwaqt li fl-oħra kien hemm il-kunjom ukoll ġie anki osservat mill-qorti.[25]

32. Ix-xhud ġie mistoqsi ukoll dwar l-irċevuta tal-VAT, b'mod partikolari min iffirmaha, u kienx hemm in-numru tal-VAT ta' Stephen Micallef. Hawn ukoll, ix-xhud irrisponda b'mod ċar u preċiż.

33. Dwar il-kont u l-irċevuta, l-avukat tas-sinjuri Grech waqaf hawn. Ħlief għas-suġġeriment li l-firma fuq il-kont (mhux fuq l-irċevuta tal-VAT) forsi ma kienitx tiegħu – suġġeriment

[24] Jeskludi b'mod speċifiku li hu għalaq il-fetħa bi brik jew ġebla u jgħid li dan jirriżulta anki mir-ritratti, għaliex il-koxxa tal-fetħa ma ntmissitx (ara l-aħħar paragrafu tal-affidavit tiegħu, paġna 59)

[25] Ara traskrizzjoni tas-smigħ tal-25 ta' Ġunju 2024, paġna 75D sa 75F. Wara l-fatt kulħadd bravu, il-qorti setgħet anki intervjeniet b'mod iktar b'saħħtu għaliex uħud mill-mistoqsijiet ma' kienux ġusti. L-avukat beda jgħid, bħala fatt u mhux bħala suġġeriment, li 'inbidlet il-firma'. Dan mhux sewwa.



Kopja informali

li, kif rajna, ma wassal imkien – hu ma għamel ebda suġġeriment ieħor li d-dokumenti kienu b'xi mod problematiċi, pereżempju li kienu fażulli jew imbagħbsa. Iktar tard fil-kontroeżami staqsa lix-xhud għaliex kien eżebixxa biss l-irċevuta tal-11 ta' Ġunju 2002, u mhux irċevuti ta' qabel (billi s-sur Portelli kien ilu snin jagħmel xogħolijiet għas-sur Micallef). Ix-xhud qal li jekk l-atturi xtaquhom, hu kien lest iressaqhom; imma dawn ma ntalbux min-naħa tas-sinjuri Grech.[26]

34. Wara li ġie mistoqsi dwar kif kien jagħlaq u jiftaħ il-fetħa u għaliex kien isir hekk; u dwar xi ritratti. Hu għaraf ritratt li kien ħa hu stess, u eżebit mis-sinjuri Grech bħala Dok RIT1.[27] Mistoqsi dwar ir-ritratt eżebit ukoll mis-sur Grech, u li jinstab f'paġna 39, ix-xhud qal ċar li dak mhux ritratt tal-fetħa in kwistjoni.[28] Is-sur Portelli qal ukoll li dakinhar li neħħa l-injama – jiġifieri fil-11 ta' Ġunju 2022 - hu kien ħa ritratt, u li kien għaddieh lis-sur Micallef. Ġie mistoqsi għaliex ma ppreżentahx, u rrisponda li dan kien għaliex ma ġiex mitlub li jagħmel hekk. Billi saru dawn il-mistoqsijiet min-naħa tas-sinjuri Grech, kopja tar-ritratt tressqet.[29]

*Analiżi tax-xhieda ta' Robert Portelli*

35. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, is-sinjuri Grech jgħidu s-sur Portelli li m'għandux jitwemmen. Fil-fehma tagħhom il-liġi trid li l-irċevuta waħedha mhix prova biżżejjed: kellu, skont dak li jgħidu, jressaq il-ktieb tal-irċevuti biex juri dik li nħarġet qabel u dik li nħarġet wara; u kellu ukoll jippreżenta l-irċevuti tal-passat, biex isostni dak li qal li ilu jagħmel l-istess xogħol għas-sinjuri Micallef għal diversi snin.

36. Dwar ir-ritratt li jgħid li ħa fil-11 ta' Ġunju 2022, jgħidu li dan mhux korroborat minn ebda prova li dan hu ritratt tal-fetħa u lanqas ma hu ċert jekk l-intern hux tal-garaxx tas-sinjuri Micallef:

> U dan apparti l-fatt illi huwa ferm konvenjenti kif ix-xhud ta' din ir-rewwieha minn gewwa l-garaxx proprju f'Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022).[30]

---

[26] Ara traskrizzjoni tas-smigħ tal-25 ta' Ġunju 2024, paġna 75M.
[27] Paġna 6
[28] Ara traskrizzjoni tas-smigħ tal-25 ta' Ġunju 2024, paġna 75P.
[29] Dok RP1, paġna 76
[30] Nota ta' osservazzjonijiet tas-sinjuri Grech, paġna 112



Kopja informali

37. Jattakkawh ukoll dwar ix-xhieda tiegħu dwar ir-ritratti:

> meta l-istess xhud gie biex jikkonferma ritratt iehor (*vide pagna 39 tal-process)* tal-istess bejt bi close up ta' fejn ir-rewwieha kienet inghalqet permanenti, f'daqqa wahda l-istess xhud ghazel li ma jirrikonoxxix din ir-rewwieha u l-istess bejt. L-esponenti ser ihallu f'idejn din l-Onorabbli Qorti sabiex tgharbel sewwa il-verzjoni tal-istess xhud, li fejn irid jaghraf u jirrkonoxxi l-bejt u r-rewwieha maghluqa (minn ritratt mehud mit-tarf tal-bejt), imma meta rinfaccjat b'ritratt izjed vicin **li juri verament li tali rewwieha kienet inghalqet bil-bricks (u mhux bl-injam kif qieghed jigi asserit)**, mela hemm f'daqqa wahda, l-istess xhud konvenjentement ma jaghrafx l-istess bejt! Dan si tratta tal-istess bejt u tal-istess rewwieha; u dan ix-xhud jafu sew! Apparti l-fatt illi jekk wiehed ihares lejn iz-zewg ritratti, anke mill-marki tar-roof compound jinudna li si tratta tal-istess rewwieha w bejt. Izjed minn hekk, u kif din il-Qorti ser ikollha l-opportunita' li tara, gew prezentati numru ta' ritratti ta' dan il-bejt minn angoli differenti – b'dan illi l-unika rewwieha li tidher hija biss dik in kwestjoni! Ghalhekk li jigi l-istess xhud u f'daqqa wahda jipprova johloq dubju dwar dan ikompli jevidenzja l-malafede u n-nuqqas ta' kredibilita tieghu![31] (L-enfasi hi fl-oriġinal)

38. L-attakk fuq is-sur Portelli hu, f'numru ta' aspetti, inġust u, f'kull każ, mhux ġustifikat. Il-qorti tibda billi tgħid li x-xhud irrisponda għall-mistoqsijiet kollha mingħajr tlaqliq, b'mod ċar. Kien kalm u deher sinċier. Ma ssib l-ebda raġuni li, a bażi tagħha, għandha ma temmnux.

39. Meta jitqies, imbagħad, li dak li xehed dwaru hu kkonfermat minn dokumenti, ix-xhieda tiegħu tieħu forza ikbar. Wieħed jista' anki jifhem għaliex is-sinjuri Grech attakkawh. Iżda l-metodu li addottaw hu inġust. Fin-nota tagħhom huma jissuġġerixxu, in effett, li l-qorti għandha tiskarta l-kont li ressaq is-sur Portelli u l-irċevuta fiskali. L-implikazzjoni ta' dan is-suġġeriment hu li dawn id-dokumenti ma jixhdux is-sewwa. Jekk dan hu l-każ, ifisser li s-sur Portelli hu ħati ta' diversi reati, fosthom li ffalsifika l-kontabilità tiegħu, li kiser il-liġi dwar il-VAT, u li xehed il-falz. Apparti li l-qorti dejjem għandha tassumi li xhud jgħid il-verità sakemm ma jirriżultax li dan mhux il-każ; u apparti li dak li hu improbabbli fih innifsu (bħal li wieħed jiffalsifika l-kotba tiegħu fejn l-anqas għandu interess) jrid prova qawwija biex jiġi sostnut, jekk s-sinjuri Grech riedu li jkollhom id-dritt li jressqu dan l-argument, imisshom taw lis-sur Portelli l-opportunità li jwieġeb għal tali akkużi waqt il-kontro-eżami tiegħu, u mhux issa jattakkawh b'mod li m'għandux ċans iwieġeb. Kellhom jagħtu l-istess opportunità lis-sinjuri Micallef ukoll, bħala partijiet interessati.

Kopja informali

[31] Nota ta' osservazzjonijiet tas-sinjuri Grech, paġna 112

40. F'dawn l-aħħar snin, il-Qorti tal-Appell kemm-il darba addottati d-duttrina żviluppata mill-qrati Ngliżi[32] li jekk ma jsirx kontro-eżami, allura dan jitqies bħala aċċettazzjoni tax-xhieda li tkun ingħatat, u li

> It is therefore not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine...33

41. Issa s-sinjuri Grech jistgħu jgħidu li huma għamlu kontro-eżami tas-sur Portelli, u allura li huma jistgħu jattakkaw ix-xhieda tiegħu. Dan hu minnu, iżda hu minnu biss sa fejn, fil-kontro-eżami, is-sur Portelli ngħata l-opportunità li jiċħad jew jispjega l-allegazzjonijiet issa mressqa kontrih. Sa fejn ma sarx hekk, ix-xhieda tiegħu ma tistax tiġi attakkata f'dan l-istadju.

42. Kif inhu spjegat f'*Phipson on Evidence*:

> In general a party is required to challenge in crossexamination the evidence of any witness of the opposing party if he wishes to submit to the court that the evidence should not be accepted *on that point*. The rule applies in civil cases …
>
> This rule serves the important function of giving the witness the opportunity of explaining any contradiction or alleged problem with his evidence. If a party has decided not to cross-examine *on a particular important point*, he will be in difficulty in submitting that the evidence should be rejected.[34] (Enfasi miżjuda mill-qorti)

43. Dan ifisser li mhux biżżejjed li jsir kontro-eżami. Il-kontro-eżami irid jindirizza l-punti li l-parti tkun trid tattakka fit-trattazzjoni finali jew fin-nota ta' sottomissjonijiet. Dan mhux xi punt sottili, wisq inqas pedantiku jew formalistiku. Imur għall-qalba ta' smigħ ġust. Dan joħroġ car mir-*raison d'être* tar-regola, kif fissirha Lord Herschell LC fil-każ klassiku *Browne v Dunn*.[35] F'dan il-każ kien sar suġġeriment, fit-trattazzjoni finali, li xhieda li kienet ingħatat ma kellhiex titwemmen, meta dik ix-xhieda ma kienitx ġiet attakkata bħala inveritiera f'kontro-eżami. Lord Herschell LC[36] qal hekk:

> I cannot help saying that it seems to me to be absolutely essential to the proper conduct of a cause, where it is intended to suggest that a witness is not speaking the truth *on a particular point, to direct his attention to the fact by some questions put in cross-examination showing that that imputation is intended to be made, and not to take his evidence and pass it by as a*

---

[32] Ara 375/2019, *Christopher Mifsud v Carmelo Bianco et noe*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċ. 10 ta' Diċembru 2020 għal diskussjoni dwar il-bażi tal-applikazzjoni ta' din id-dottrina fil-ġurisprudenza tagħna (paġ. xi)
[33] Din hi silta minn Peter Murphy, *Murphy on Evidence* 7 ed., 2000, paġna 511 iċċitata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell f'Rikos 1338/10 *Michael Mangion et v Il-Kontrollur tad-Dwana*, deċ. 18 ta' Lulju 2017
[34] 20th ed (2022), para 12-12
[35] (1893) 6 R 67
[36] *Ibid.*, paġni 70 - 71



Kopja Informali

> *matter altogether unchallenged, and then, when it is impossible for him to explain, as perhaps he might have been able to do if such questions had been put to him, the circumstances which it is suggested indicate that the story he tells ought not to be believed, to argue that he is a witness unworthy of credit.* My Lords, I have always understood that if you intend to impeach a witness you are bound whilst he is in the box, to give him an opportunity of making any explanation which is open to him; and, as it seems to me, that is not only a rule of professional practice in the conduct of a case, but is essential to fair play and fair dealing with witnesses. (Enfasi miżjuda mill-qorti)

44. Lord Halsbury esprima l-istess ħsieb f'dawn il-kliem:

> To my mind nothing would be more absolutely unjust than not to cross-examine witnesses upon evidence which they have given, so as to give them notice, and to give them an opportunity of explanation, and an opportunity very often to defend their own character, and, not having given them such an opportunity, to ask the jury afterwards to disbelieve what they have said, although not one question has been directed either to their credit or to the accuracy of the facts they have deposed to.[37]

45. F'*Deepak Fertilizers & Petrochemical Ltd v Davy McKee (UK) London Ltd*[38] ġie ripetut li l-kontro-eżami jrid jindirizza dawk il-punti li parti tkun tixtieq tagħmel fl-egħluq tal-kawża. Lathan LJ qal hekk:[39]

> The general rule in adversarial proceedings, as between the parties, is that one party should not be entitled to impugn the evidence of another party's witness if he has not asked *appropriate questions* enabling the witness to deal with *the criticisms* that are being made. (Enfasi miżjuda mill-qorti)

46. Il-ħtieġa mhix biss li parti tkun ġusta max-xhud, imma trid tkun ġusta mal-parti l-oħra ukoll. Fil-każ *Markem Corpn v Zipher Ltd*[40] kien hemm kwistjoni dwar jekk xhud kellux jitwemmen li ma kienx jaf b'dokument partikolari meta ma sar ebda suġġeriment, fil-kontro-eżami, li hu ma kienx qed jgħid il-verità. Jacob LJ sab li l-attakk fuq ix-xhud kien inġust kemm fil-konfront tiegħu u kif ukoll fil-konfront tal-kontro-parti. Enfasizza:

> procedural fairness not only to the parties but to the witnesses requires that if their evidence were to be disbelieved they must be given a fair opportunity to deal with the allegation.[41]

47. Mela meta niġu biex napplikaw ir-regola f'dan il-każ, naraw li s-sinjuri Grech ma jistgħux, leġittimament, jissuġġerixxu li l-kont u l-irċevuta mressqa mis-sur Portelli ma jistgħux, jew m'għandhomx, jitqiesu bħala provi ta' dak li juru. L-uniku attakk li ttentaw jagħmlu fil-kontro-eżami kien dwar il-kont, u b'mod partikolari dwar il-firma fuqu. Dan l-attakk kien

---

[37] *Ibid.*, paġni 76 - 77
[38] [2002] EWCA Civ 1396
[39] *Ibid.*, para. 49
[40] [2005] EWCA Civ 267
[41] [2005] EWCA Civ 267, Para. 56



Kopja informali

miżeru u falla. Ma sar ebda attakk u ebda suġġeriment ieħor. Ma jistgħux allura issa, is-sinjuri Grech, jissuġġerixxu mhux biss li hemm xi problema b'dawn id-dokumenti, imma addirittura li jixhdu l-falz, meta minn dan (apparti dak li ngħad) ma hemm xejn fil-kontro-eżami. Jiżdied ma dan li ma kienx meħtieġ, biex issir il-prova li d-dokumenti ħarġu fil-11 ta' Ġunju 2022, li tinġieb mis-sur Portelli, prova korroborattiva. Id-dokumenti mressqa, flimkien max-xhieda tiegħu, huma biżżejjed. Kien għas-sinjuri Grech, li kieku xtaqu, li jeżiġu provi li, fil-fehma tagħhom, setgħu juru li s-sur Portelli, u d-dokumenti li ressaq, kienu qed jixhdu l-falz; imma dan ukoll għażlu li ma jagħmluhx.

48. Jekk induru għar-ritratt li s-sur Portelli eżebixxa u li qal li ttieħed minn fuq il-telefon ċellulari tiegħu fil-11 ta' Ġunju 2022, ma sar ebda suġġeriment lilu li dan hu xi ritratt fażull, jew li ma jurix il-fetħa jew li dak li juri mhux l-intern tal-garaxx tas-sinjuri Micallef. Għalhekk biss, dawn il-punti ma jistgħux jitqajmu issa. Apparti dan, is-sur Micallef wera li kien dispost li anki juri l-kontenut tat-telefon ċellulari tiegħu kieku kien mitlub jagħmel hekk; u anki kieku dawn l-argumenti kellhom jitqiesu, ikollu jingħad li huma mġebbda għall-aħħar.

49. Fl-aħħar nett għandna r-ritratt f'paġna 39. Hawn jista' jingħad li, fil-kontro-eżami, sar suġġeriment, anki jekk ftit indirettament, lis-sur Portelli li hu ma kienx qed jgħid is-sew dwaru. Għalhekk is-sottomissjoni hi, sa daqshekk, waħda leġittima.

50. Imma mhix valida. L-ewwel għandu jingħad li, apparti l-ġurament tas-sur Grech, ma hemm ebda prova li dak ir-ritratt juri l-bejt u l-ħajt diviżorju in kwistjoni; u lanqas ma juri min ħadu jew meta ttieħed. Dan mhux qed jingħad għaliex hemm xi ħtieġa ta' korroborazzjoni ta' dak li jgħid is-sur Grech: kif ingħad qabel, ma hemm ebda regola probatorja f'dan is-sens. Jekk, wara li tkun qieset il-provi kollha relevanti, il-qorti temmen dak li ntqal lilha, allura dak hu biżżejjed.

51. Iżda, fir-rigward ta' dan ir-ritratt, ma jistax jingħad li ma hemmx dubji serji dwaru. Jingħad fin-nota, mressqa fit-22 ta' Mejju 2023, li biha ġie eżebit li

> Dan ir-ritratt ittiehed mill-istess esponenti, ftit jiem qabel Steven Micallef ikkompleta l-gheluq ta' din ir-rewwieha bir-*roof compound* u cioe' ftit qabel ma' Steven Micallef kien

Kopja informali

baghat dawk ir-ritratti fuq *messenger*. U dan hekk kif spjegat diga fl-affidavit (bid-dati rispettivi) tal-istess George Grech.[42]

52. Apparti l-fatt li, skont din il-verżjoni, l-fetħa ngħalqet fuq medda ta' żmien u mhux f'ġurnata – punt li jidher li hu suġġerit hawn biss – dak li jingħad hawn xejn ma jaqbel ma dak li qal is-sur Grech fl-affidavit tiegħu, maħluf ftit jiem qabel (fis-17 ta' Mejju 2023). Fl-affidavit, is-sur Grech jgħid hekk:

> Niftakar li ghal habta ta l-ahhar Settembru ... konna ghednilu illi ahna gibna il-Perit taghna ghaliex konna ser nizviluppaw l-arja tal-garaxx u li l-Perit kien gibdilna l-attenzjoni fuq dik ir-rewwieha u li mhux suppost kienet hemm.
>
> In fatti, kif ghednilu b'dan, huma m'oggezzjonax; anzi qalli: *"issa nnehhia, jien ma rridx inkwiet, la ghalija u lanqas ghal uliedi"* – in fatti wara *circa* hmistax (15)-il gurnata, kien ghalaq din ir-rewwieha u bi prova ta' dan hadli ritratti huwa stess u baghtomli fuq *messenger*. Qieghed nannetti *screenshot* mill-*messenger account* tieghu li jismu *'Ta Jimmy Micallef Foodpackers'* fejn kien batli ritratti huwa stess sabiex jurini li kien ghalaq din ir-rewwieha. Jidher mid-data ta' meta huwa stess bghat ir-ritratti bir-rewwieha maghluqa illi dan kien ghamlu fit-tnejn (2) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) – ara ritratt anness u mmarkat bhala **Dokument C**. Illi ghalhekk mhuwiex minnu minnu fejn Micallef jghidu li din it-rewwieha inghalqet f'*"Marzu 2022"*. Illi nixtieq nghid illi r-ritratt li pprezentajt jien mal-kawza, mmarket bhala Dokument RT1 huwa in fatti wiehed mir-ritratti illi batli fuq *messenger* sabiex jghidli li r-rewwieha kien ghalaqha.[43]

53. Li kieku kien il-każ li x-xogħol sar fuq medda ta' jiem, u mhux kollu f'daqqa, u li kieku s-sur Grech kien qed jqis il-pass tiegħu waqt li kien għaddej ix-xogħol, u li kieku ħa ritratt jew ritratti biex juri li l-fetħa ngħalqet b'mod permanenti, wieħed kien jistenna li dan ir-ritratt kien jitressaq ma dawk li ressaq meta ressaq ir-rikors ġuramentat, jew mal-affidavit, u mhux jiġi injorat anki fl-affidavit tiegħu biex, f'daqqa waħda, jitfaċċa minn imkien, b'xejn x'juri li hu l-istess bejt u l-istess ħajt diviżorju u l-istess fetħa. B'mod partikolari, jiġi osservat li dak li ntqal fin-nota li, fl-affidavit, kien hemm id-dati 'rispettivi' – li biha l-qorti tifhem id-dati li fihom suppost ittieħed ir-ritratt f'paġna 39 meta mqabbla mat-2 ta' Novembru 2021 - dan mhux minnu. Anzi fl-affidavit, is-sur Grech jgħid li, kif irriżultalu mir-ritratti mibgħuta lilu mis-sur Micallef, ix-xogħol sar fit-2 ta' Novembru 2021; u li l-prova ta' dan tressqet mis-sur Micallef u mhux minnu stess. Ukoll, fl-affidavit, is-sur Grech jgħid li hu mar jispezzjoni l-fetħa wara li ngħalqet u li kien sar ir-*roof compound*.[44] Mkien ma jgħid dak li qal sussegwentement fin-nota tiegħu.

---

[42] Paġna 38
[43] Affidavit, paġna 21
[44] Affidavit, paġna 22



Kopja informali

54. Hemm iżjed fatturi li jindikaw li jista' jkun li dan mhux ritratt li juri l-fetħa in kwistjoni mkaħħla, jew addirittura l-bejt in kwistjoni. Wieħed minnhom hu dan: jekk dan hu ritratt tal-fetħa, allura ifisser li l-fetħa kienet biss ftit pulzieri 'l fuq mill-bejt, għaliex mir-ritratt hekk jidher. Dan jaqbel ma dak li qal fil-kontro-eżami tiegħu, fejn qal li l-fetħa kienet tlett pulzieri w nofs 'l fuq mill-bejt.[45]

55. Imma dan ma jaqbilx ma dak li qal fl-affidavit, fejn qal li l-fetħa '[h]ija biss filata gholja mil-art tal-bejt.'[46] Iktar importanti hu li jirriżulta mir-ritratti l-oħra – ara pereżempju Dok RIT1 u Dok RIT2 – li l-fetħa kienet madwar filata ogħla mill-bejt. Dan jidher jekk wieħed jiġbed linja mal-opramorta. Għalhekk hu wisq probabbli – kif xehed Robert Portelli - li r-ritratt f'paġna 39 mhuwiex tal-fetħa.

*Konklużjoni*

56. Magħdud dan kollu, il-qorti issib li hu iktar probabbli li l-allegat att spoljattiv seħħ fil-11 ta' Ġunju 2022 milli li seħħ bejn it-23 u s-27 ta' Awwissu 2022.

**Deċiżjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti tilqa' it-tieni difiża tas-sinjuri Micallef u tiċħad it-talbiet tas-sinjuri Grech, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

[45] Traskrizzjoni tal-kontro-eżami tal-25 ta' Ġunju 2024, paġna 92
[46] Ara affidavit, paġna 21



Kopja informali

Kopja informali